MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 171/2007/1

**Saviour Portelli**

**vs**

**Alfred Caruana bhala President, Stephen Buttigieg bhala Segretarju, Ryan Muscat bhala Tezorier, ilkoll ta'**
**Queen's Own Band**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Novembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma t'elf, tliet mija u sebgha u disghin euro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62) – (Lm600) u b'digriet tat-8

ta' Mejju, 2007 intalbet korrezzjoni fl-ammont mitlub u jinbidel ghall-elf, erba' mija u sebgha u sittin euro u hamsin centezmu (€1,467.50) – (Lm630) dovuta bhala bilanc ta' somma akbar meta huma ffirmaw kuntratt li kellu jiskadi f'Lulju 2007, li jhallsu lill-attur l-ammont ta' disgha u sittin euro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88) - (Lm30) fix-xhar mentri l-Club waqqaf dan il-hlas f'Novembru 2005. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data effettiva tal-pagament kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li biha rrispingew it-talbiet attrici u dan peress li l-ammont pretiz mhuwiex dovut la fil-fatt u lanqas fid-dritt. Illi l-kuntratt in kwistjoni datat 6 t'Awwissu, 2003 ma giex imgedded kif ser jigi kkonfermat fil-mori tal-kawza. Illi anke ghar-rigward tal-ammont pretiz u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mhux korrett ghaliex skond il-kuntratt hawn fuq imsemmi, s-socjetà konvenuta intrabtet li taghti kumpens ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centemzu (€58.23) - (Lm25) fix-xhar u mhux disgha u sittin euro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88) - (Lm30) kif qed isostni l-attur fit-talba tieghu. Illi l-attur ma osservax b'mod korrett il-kondizzjonijiet stipulati fil-kuntratt u dan kif ser jigi konfermat fil-mori tal-kawza. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u drittijiet ta' dawn il-proceduri a karigu tal-attur.

Sema' x-xhieda ta' Saviour Portelli u ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ra li fis-seduta tat-22 t'Ottubru, 2008 il-kawza giet differita ghall-11 ta' Novembru 2008 ghas-sentenza in difett t'ostakolu.

Ra illi dakinhar stess, wara s-seduta, il-konvenuti pprezentaw rikors fejn talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza liema talba giet milqugha

b’dan illi ghas-seduta tal-11 ta’ Novembru, 2008 huma jressqu l-provi kollha taghhom.

Ra li ghas-seduta tal-11 ta’ Novembru, 2008 deher biss l-attur u la dehru l-konvenuti u lanqas l-Avukat difensur taghhom.

Ra li l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidra

Illi permezz ta’ kuntratt tas-6 t’Awwissu, 2003 bejn il-Queen’s Own Band Club u l-attur gie miftiehem illi l-attur jghallem lill-allievi tas-socjetà Queen’s Own u dan versu kumpens ta’ tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centemzu (€58.23) - (Lm25) fix-xhar. Il-kuntratt kien ghall-perjodu ta’sentejn mill-1 t’Awwissu, 2003 u fuqu hemm miktub hekk:

“Sabiex dan il-kuntratt jispicca wara sentejn (2) irid ikun hemm avviz ta` xhar qabel dan jiskadi u dan japplika ghaz-zewg partijiet, jekk dan ma jsirx allura l-kuntratt ikun qieghed jigi mgedded awtomatikament ghal sentejn ohra.

Sabiex jintemm dan il-kuntratt qabel is-sentejn (2) allura jrid ikun hemm ftehim reciproku bejn iz-zewg partijiet. Jekk ikun hemm xi parti kemm minn naha tas-socjetà u anke mill-assistent surmast li ma jkunx qieghed jonora dan il-ftehim allura l-parti l-ohra jkollha d-dritt titterminah dak il-hin stess.”

Illi f’dan il-kaz iz-zmien originali patwit skada fil-31 ta’ Lulju, 2005 u l-attur qieghed isostni illi galadarba dan ma giex terminat, gie imgedded awtomatikament ghal sentejn ohra, jigifieri mill-1 t’Awwissu, 2005 sal-31 ta’ Lulju, 2007.

L-attur isostni illi wkoll huwa kien qed jithallas disgha u sittin euro u tmienja u tmenin centezmu

(€69.88) - (Lm30) u mhux tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centemzu (€58.23) - (Lm25) fix-xhar u galadarba huwa thallas sal-ahhar t’Ottubru 2005 qed jippretendi li jithallas mill-1 ta` Novembru 2005 sal-ahhar ta’ Lulju 2007 jigifieri l-perjodu ta’ wiehed u ghoxrin xhar bir-rata ta’ disgha u sittin euro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88) - (Lm30)

Il-konvenuti ma ressqux provi izda mil-provi prodotti jidher car illi wara l-festa ta’ l-Vitorja 2005 inhatar surmast gdid u milli jidher kien hemm problemi biex l-attur jibqa’ jservi bhala assistent ghal dan is-surmast gdid.

Mill-provi jirrizulta illi fiz-zmien meta sar il-kuntratt de quo u s’April 2005 is-surmast tal-banda kien Michael Borg izda l-kuntratt ta’ Michael Borg kien spicca f’April u hemm indikazzjoni li minn dak iz-zmien ‘il quddiem ir-relazzjonijiet mall-attur ma kienux daqshekk perfetti. Waqt il-kontro-ezami tal-attur, il-konvenuti pprovaw jaghtu wiehed x’jifhem illi fil-fatt l-attur kien diga’ gie avzat illi wara l-festa il-kuntratt ma kienx ser jigi mgedded izda dan gie totalment smentit mill-istess attur.

B’danakollu però jibqa’ l-fatt illi ftit taz-zmien wara l-festa, darba minnhom f’Ottubru 2005 l-attur mar biex jaghti l-privatijiet lill-bandisti allievi u sab il-bieb imsakkar u minn dak iz-zmien ‘il quddiem ma thalliex jaghti aktar is-servizzi tieghu.

It-Tribunal jidhirlu illi dan huwa kaz klassiku fejn ghandu juza l-gudizzju tieghu ekwitattiv u dan billi ghalkemm mill-lat purament formali ma jirrizultax provat li l-konvenuti taw l-kongedo kif previst fil-kuntratt, jibqa’ l-fatt illi ghal certu ammont taz-zmien qabel ma skada l-kuntratt, s-socjetà konvenuta kienet qieghda tahsibha illi ma tkompliex bil-kuntratt mall-attur. Jidher li huma hallew il-fest tghaddi, li nzertat li kienet ftit granet wara li ghalaq iz-zmien tal-kuntratt, izda mbaghad

minn dakinhar 'il quddiem bdew iqumu l-problemi serji.

Kien ikun ferm ahjar kieku l-partijiet ippruvaw ipoggu fuq mejda u pprovaw isolvu l-vertenza bejniethom amikevolment kif solitament isir f'kazijiet ta' tizgwit fil-kazini. Certament sakemm gie publikat l-ktejjeb li gie preparat ghal-festa, kien hemm ftahir elokwenti fil-konfron tal-attur – vide fol 22 l-messagg tas-Segretarju Joseph Robinich jirringrazzja lis-surmastrijiet Michael Borg u Saviour Portelli "ghad-dedikazzjoni u z-zelu" taghhom.

It-Tribunal jidhirlu illi l-mod kif gie trattat l-attur meta, habta u sabta sab il-bieb imsakkar u ma setax ikompli jaghti t-taghlim, kien agir li ma kienx ikun mistenni minn socjetà konvenuta bhalma hi dik u lanqas ma kien mistenni illi l-attur jigi trattat b'dak il-mod meta huwa ghal dak iz-zmien kollu kien qed jaghti s-servizzi tieghu t'assistent surmast b'rizultati pozittivi tant li dik s-sena trawmu erbgha bandisti alljevi godda.

B'dana kollu ma jistax jigi injorat l-fatt li, tajjeb jew hazin, z-zmien kontemplat fil-ftehim ghadda u l-attur ma ipprestax s-servizzi tieghu ghal-21 xahar fuq imsemmija.

Ghalhekk mill-banda 'l wahda insibu sitwazzjoni fejn attwalment is-servizzi tal-attur m'inghatawx u ghalhekk is-socjetà konvenuta ma haditx beneficcju ta' dawn is-servizzi u mill-banda l-ohra ghandna sitwazzjoni fejn l-attur kien gia rranga l-affarijiet tieghu biex minn ghalih ser ikompli jippresta dawn is-servizzi u m'hemmx provi li juri li dan gara minhabba xi nuqqas tieghu.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess it-Tribunal jidhirlu illi l-bilanc ekwitatti ghandu jgib mieghu l-konkluzzjoni illi l-attur kien almenu messu inghata avviz preventiv ragonevoli ta' mill-inqas sitt xhur u

stante li dan m'inghatax ghandu dritt li jigi kompensat ghall-ammont ekwivalenti li kien jippercepixxi f'dan z-zmien. It-Tribunal m'ghandux dubju illi fil-verita' l-konvenuti kienu qed ihallsu lill-attur is-somma ta' disgha u sittin euro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88) - (Lm30) fix-xhar u mhux tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centemzu (€58.23) - (Lm25) u konsegwentement il-kumpens pagabbli lill-attur ghandu jkun wiehed ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180) li huma ekwivalenti ghall-erba' mija u dsatax-il euro u tmienja u ghoxrin (€419.28).

Illi nonostante din il-konkluzzjoni, it-Tribunal ihoss illi l-attur m'ghandux jigi pregudikat fuq il-Kap. tal-ispejjez u dan stante illi l-vertenza giet purament ipprovakata mill-konvenuti u konsegwentement huma l-istess konvenuti li ghandhom jissokombu fuq il- Kap. tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma t'erba' mija u dsatax-il euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€419.28) ekwivalenti ghal mija u tmenin lira Maltin (Lm180) bl-interessi mid-data ta' notifika tal-Avviz. L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-konvenuti.**"**

L-attur appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-ammont li kellu jithallas kien dak shih mitlub minnu ghall-perijodu li kien baqa' mill-ftehim. Skond l-appellanti dan in omagg ghall-principju *pacta sunt servanda* li, dejjem skond l-istess appellanti, ma kellux fil-kaz tieghu jigi temprat mill-ekwita`;

Ma jidherx li tezisti l-htiega li din il-Qorti toqghod terga' tirriproduci l-provi essenzjali tal-kawza ghax dawn jinsabu sew esposti fis-sentenza appellata u t-Tribunal identifika

tajjeb illi l-qofol tal-vertenza kien cirkoskritt ghall-portata tal-patt tal-ftehim taht il-klawsola (c) tieghu datat 6 ta' Awissu, 2003 (ara kopja tieghu a fol. 30). Ghall-precizazzjoni, biex il-kuntratt ta' ftehim ma jergax jiggedded ghal sentejn ohra l-parti l-wahda riedet taghti lill-ohra preavviz ta' xahar qabel l-iskadenza tieghu;

Mill-ezami tas-sentenza kkontestata jidher illi r-ragonament tat-Tribunal jinsab motivat kif gej:-

(1) L-intenzjoni tal-kontraenti jidher li kienet illi l-kuntratt ta' ftehim bl-affermata stipulazzjoni kellu, in assenza ta' preavviz, jipperdura ghal sentejn ohra;

(2) F'dan il-kaz il-preavviz ma nghatax izda meta, wara l-festa tas-sena 2005, l-attur mar biex jaghti l-lezzjonijiet lill-bandisti alljevi tal-Kazin dan sab il-bieb ta' l-ufficcju msakkar u, ghalhekk minn wara x-xahar ta' Ottubru 2005 ma baqax jaghti lezzjonijiet;

(3) Fuq il-fehma tieghu t-Tribunal deherlu li l-attur ma giex ittrattat sew mir-rapprezentanti tal-Kazin izda, ciononostante, gjaladarba rrizultalu fuq l-apprezzament tieghu tal-provi, illi r-relazzjonijiet bejn il-partijiet kienu qed jitnawru u, inoltre, li s-servizzi kkontemplati mill-ftehim effettivament ma nghatawx, anke jekk ghal dik ir-raguni l-ohra taht punt (2), kien jokkorri li japplika ghal fattispeci l-metru tad-dritt ekwitattiv;

L-Artikolu 992 tal-Kodici Civili jistabilixxi regola generali applikabbli ghal kuntratti kollha illi, la l-kuntratt ghandu forza ta' ligi ghall-partijiet kontraenti, it-thassir tieghu kien possibbli bil-kunsens taz-zewg partijiet jew ghal ragunijiet maghrufa mil-ligi. L-espressjoni "bil-kunsens ta' xulxin" ma toffri ebda diffikulta in kwantu skond is-sinjifikat ordinarju taghha ma tistax hlief tfisser illi biex il-partijiet jestingwu l-kuntratt u, allura, jtemmu l-prestazzjonijiet li ghadhom ma gewx esegwiti, ried ikun hemm il-kunsens reciproku taghhom. Kwantu ghal "ragunijiet maghrufin mill-ligi" dawn jistghu jkunu varji. B'mod principali, hu l-

kaz fejn wahda mill-partijiet ma toqghodx ghall-obbligazzjonijiet taghha, anke ghaliex il-kundizzjoni rizoluttiva hi dejjem sottintiza fil-kuntratti bilaterali (ara Artikolu 1068, Kodici Civili);

Osservazzjoni ohra importanti hafna f'materja ta' kuntratti hi dik li tinzel mid-dettami ta' l-Artikolu 993 ta' l-istess Kodici relattiva ghal mod kif il-kuntratti in generali ghandhom jigu ezegwiti. Oltre l-bona fide, l-imsemmi artikolu jipprovdi illi l-kuntratt jorbot mhux biss ghal dak li jinghad fih espressament izda ukoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni, skond ix-xorta taghha bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi. Jinteressa mill-qrib lill-kawza prezenti hu l-kuncett ta' l-ekwita` in kwantu dan kien il-metru adoperat mit-Tribunal, u li, wara kollox, ma setax ikun mod iehor, gjaladarba hi l-ligi nnifisha (Kapitolu 380), krejatrici tat-Tribunal specjali, li ppredeterminat illi dan ghandu jiddeciedi t-talba li ssirlu "principalment skond l-ekwita`";

Skond it-tifsira precettiva taghha fil-predett Artikolu 993, l-ekwita` ghandha tinftiehem konformement ghall-ispirtu tieghu u ghall-iskopijiet objettivi tar-regolament ta' interessi tal-partijiet fil-kuntratt. Ir-raguni tiddetta illi min hu msejjah biex jiggudika ma ghandux jipprovdi soluzzjonijiet inkoerenti mal-pattijiet tal-kuntratt, u lanqas li jimmodifika l-kontenut tieghu, izda li bl-adoperu ta' kriterji korretti ta' dik li hi l-logika guridika jfassal soluzzjonijiet adattati ghal kaz konkret. Hi proprju din is-soluzzjoni li fil-kaz prezenti ma ghogbotx lill-appellanti u, anzi jinsisti, illi din kellha tkun ghall-koerenza u l-integrita tal-kuntratt, fis-sens illi, mankat il-preavviz fit-termini tal-kuntratt, huwa kellu jircievi l-beneficcju tal-hlas appattwit ghaz-zmien kollu li kien fadal skond il-ftehim;

Minn naha l-ohra t-tifsira ta' l-ekwita` skond l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380 timporta r-ricerka ta' dik is-soluzzjoni, individwata primarjament mill-valutazzjoni tal-fatti u l-ezistenza ta' xi kawza gustifikativa, li kienet tinnecessita

illi r-rigur tal-principji legalistici jigi temprat ghall-evitar ta' inikwita bla bzonn;

Fil-kaz in ispecje, kif gja osservat, it-Tribunal ma sabx fl-attur ebda traccja ta' xi inadempiment da parti tieghu fl-osservanza ta' l-obbligazzjoni minnu assunta bil-ftehim, tant li jiccensura lill-appellati ghal mod kif dawn, bla kliem u bla sliem, irrizolvew il-ftehim. Kontemporanjament ma' dan, huwa hass pero` illi kien hemm gja minn qabel id-dekors ta' l-ewwel sentejn tal-ftehim sinjali ta' nuqqas ta' ko-ezistenza bejn il-partijiet u li dan, agguntivament ma' l-osservazzjoni illi l-attur ma kompliex jippresta s-servizzi tieghu, kellu jwassal biex ma jakkordax lill-attur l-ammont shih reklamat;

Minghajr ma titqies xi censura fuq ir-ragonament tat-Tribunal, din il-Qorti hi tal-fehma illi fil-kaz partikolari, l-uzu tad-dritt ekwitattiv kellu jwassal biex lill-attur jigi moghti almenu l-ekwivalenti ta' sena kumpens. Dan, il-Qorti qed tistabbilih in bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Ir-raguni li jsemmi l-Artikolu 992 (1) Kapitolu 16 ghalbiex kuntratt jigi unilateralment rizolut kellu jkun f'rabta ma' xi inadempiment gravi u proporzjonat (ara "**Francesco Penza -vs- Giuseppe Cachia**", Prim. Awla, Qorti Civili, 16 ta' Novembru, 1959) li mhux hawnhekk il-kaz *vis-à-vis* l-appellant;

(2) Ukoll, il-konvenuti ma kellhomx jagixxu bil-mod adoperat minnhom fil-konfront ta' l-attur. Jekk xejn, b'omagg ta' dak il-principju tal-buona fede illi, fil-fattispeci, kien jirrikjedi illi opportunement l-attur jigi, almenu, komunikat lilu d-decizjoni li s-servizzi tieghu kienu ser jitwaqqfu;

(3) Fil-hsieb tal-Qorti n-nuqqas ta' raguni sostanzjalment gravi ghar-rizoluzzjoni u d-diskontinwita tas-servizzi kellu jibbilancja ruhu billi filwaqt li jitharsu l-interessi ta' l-attur, minn naha l-ohra ma tingiebx fis-sehh inikwita zejda ghall-appellati. Huwa f'dan is-sens li l-Qorti

behsiebha tindirizza ruhha fil-provvediment infraskritt fil-parti decizorja ta' din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' in parte l-appell sottomess billi tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur appellant is-somma ta' tmien mija tmienja u tletin euro, sebgha u hamsin centezmu (€838.57). L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jibqghu a kariku tal-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------